MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 1195/2007

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

Avukat Dottor Beppe **FENECH ADAMI** u l-P.L. Mario Mifsud Bonniċi li, b’degriet tas-7 ta’ Diċembru, 2007, ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Mario u Cecilia miżżewġin Scerri

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta’ Novembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissra, l-Bank attur talab li din il-Qorti (a) tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario u Cecilia miżżewġin Scerri (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess

kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess Mario u Cecilia miżżewġin Scerri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi.

Tikkundanna lil konvenuti kuraturi deputati għan-nom ta’ l-istess Mario u Cecilia miżżewġin Scerri jħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ mija u ħmistax-il elf, mitejn u sitta u ħamsin Liri Maltin (Lm115, 256) ekwivalenti għall-mitejn u tmienja u sittin elf, erba’ mija u erbgħa u sebgħin Ewro u sitta u għoxrin Ewro ċenteżmi (€268,474.26) bilanċ għad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Mario u Cecilia miżżewġin Scerri mal-Bank Of Valletta p.l.c (Dok. “B”, Dok. “C”, Dok. “D”, u Dok. “E”) flimkien ma l-imgħax ulterjuri mit-18 t’Ottubru 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jiġu preżentati kontestwalment kontra l-konvenuti nomine li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Kuraturi Deputati fis-17 ta’ Jannar, 2008, li biha ddikjaraw li huma ma kienu jafu xejn dwar il-każ u irriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet oħra skond il-każ ‘il quddiem;

Rat in-nota mressqa mill-Bank attur waqt is-smigħ tal-lum, li biha t-talba attriċi tnaqqset għal €267,649.69;

Semgħet ix-xhud tal-Bank attur;

Rat li l-intimati Kuraturi Deputati ma dehrux għas-smigħ tal-lum;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi b’din l-azzjoni l-Bank attur qiegħed jitlob li l-imħarrkin miżżewġin Scerri jħallsuh lura dejn li huma baqgħu ma ħallsuhx wara li l-istess Bank kien estendielhom faċilita’ bankarja f’Awissu tal-2007 fis-somma ta’ €269,042.62, li

biċċa minnha kienet maħsuba biex jinqata' d-dejn tagħhom ma' kreditur ieħor (€71,385.53) u biċċa oħra minnha biex jiffinanzjaw interessi kummerċjali ta' l-istess debituri (€197,657.09);

Illi għalkemm jirriżulta mill-provi li l-imħarrkin miżżewġin Scerri nqdew minnufih bl-imsemmija faċilita' u ħadu l-fondi disponibbli, baqgħu ma ħallsu xejn lura minn dak is-self;

Illi l-Bank attur talab lill-imħarrkin iħallsu lura d-dejn tagħhom, imma għal xejn. Sal-lum kulma seħħlu jikseb kien il-fidi tal-polza ta' assikurazzjoni mirhuma favurih li, bis-saħħa tat-tisrif tagħha, ressaq in-Nota ta' Riduzzjoni tiegħu tal-lum;

Illi, mill-bqija, il-Bank attur baqa' ma tħallas l-ebda parti oħra mill-kreditu minnu pretiż. Il-provi dokumentali jixhdu u jippruvaw l-imsemmi kreditu, u ma tressqet l-ebda prova biex tikkontesta s-siwi jew l-eżistenza tiegħu;

Illi, għalhekk, jirriżulta li t-talbiet tal-Bank attur huma mistħoqqa u sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li seħħet waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet maħsubin fil-kuntratt ta' l-14 ta' Awissu, 2007, li bihom il-Bank attur jista' jitlob il-ħlas minnufih tal-bilanċ kollu lilu dovut, u dan senjatament għax l-imħarrkin naqsu milli jħarsu r-rabta li jħallsu f'waqthom ir-rati ta' ħlas lura tas-self;

2. **Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-intimati Kuraturi Deputati f'isem l-imħarrkin Mario u Cecilia miżżewġin Scerri, flimkien u solidament bejniethom, jħallsu lill-Bank attur is-somma ta' mitejn u sebgħa u sittin elf, sitt mija u disgħa u erbgħin Ewro u disgħa u sittin (Ewro) ċenteżmi (€267,649.69) rappreżentanti l-bilanċ għad-debitu tal-faċilita' bankarja fuq l-imsemmija, flimkien ma' l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-18 ta' Ottubru, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv;

3. Tikkundanna lill-imħarrkin miżżewġin Scerri jħallsu wkoll **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------